VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,352, 29 ta' Novembru, 2024
Taqsima B

A.L. 325 tal-2024

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2024 dwar Perjodi ta' Applikabilità ta' Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2024 dwar Perjodi ta' Applikabilità ta' Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti).

TAQSIMA I
Emenda għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23

Emenda għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23. L.S. 364.12.

2. Din it-Taqsima temenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"ordni prinċipali".

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

3. L-artikolu 3 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tielet proviso tiegħu l-kliem "1 ta' Jannar 2025" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "1 ta' Jannar 2026"; u

(b) fis-sitt proviso tiegħu l-kliem "it-28 ta' Frar 2025" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-28 ta' Frar 2026".

TAQSIMA II
Emendi għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju

Emendi għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju. L.S. 364.15.

4. Din it-Taqsima temenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"ordni prinċipali".

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

5. Fl-artikolu 3 tal-ordni prinċipali l-kliem "1 ta' Jannar 2025" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "1 ta' Jannar 2026".

Jemenda l-artikolu 4 tal-ordni prinċipali.

6. Fil-proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-ordni prinċipali l-kliem "il-31 ta' Diċembru 2024" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-31 ta' Diċembru 2025".

TAQSIMA III
Emenda għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika

Emenda għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika. L.S. 364.17.

7. Din it-Taqsima temenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"ordni prinċipali".

Jemenda l-artikolu 6 tal-ordni prinċipali.

8. Fl-artikolu 6 tal-ordni prinċipali l-kliem "31 ta' Diċembru 2024" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "31 ta' Diċembru 2025" u l-kliem "28 ta' Frar 2025" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "28 ta' Frar 2026".